**EŻAMI ANNWALI TAL-LIĊEO TAŻ-ŻGĦAR - 2003**
Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv - Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**It-Tielet Sena** **MALTI** **ĦIN: Sagħtejn**

**ISEM :** ______________________________ **KLASSI:** ___________

**Istruzzjonijiet lill-kandidati:**

1. Wieġeb il-mistoqsijiet kif mitlub/a.

2. Ortografija, punteġġjatura, sintassi, ideat u preżentazzjoni tajbin jgħinuk biex tikseb riżultati aħjar.

3. L-ortografija se tingħata ħafna importanza. Ortografija ħażina ttelliflek ħafna marki.

**GĦALL-UŻU TAL-GĦALLIEMA**

**SKEMA GĦALL-MARKI**

| Mistoqsija | A | B | Ċ | D | E | F (1) | F(2a) | F(2b) | F (3) | Ġ | Tot. |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Marki | 8 | 22 | 8 | 10 | 8 | 10 | 4 | 6 | 4 | 20 | 100 |
| Marki ta' l-istudent/a | | | | | | | | | | | |

**Kummenti**

________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________
________________________________________

## SILTA GĦALL-ISTĦARRIĠ

***Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet fuqha:***

# Il-Qerda ta' l-Ambjent, il-Qerda tal-Bniedem

Għasfur li jgħix fil-beraħ kif iridu Alla u għasfur imsakkar fil-ħabs tal-gaġġa huma żewġ għasafar differenti. Wieħed huwa ħieles u l-ieħor ilsir, nervuż, iddisprat ħajtu kollha. U aktar ma l-gaġġa tkun ċkejkna, akbar tkun id-disperazzjoni ta' l-imsejken maqful mejjet-ħaj fiha. (par. 1)

L-istess, bħall-annimali ħutna, huma l-bnedmin. Fil-beraħ jimirħu ħielsa, u fl-għeluq jitilfu l-kalma. Il-ħolma tal-beraħ ħieles tleħħ l-aktar fil-moħħ meta bniedem jinsab maqful. L-għeluq, ir-rassa, iċ-ċokon m'humiex kundizzjonijiet normali għall-ħlejjaq li jħossu. (par. 2)

Malta diġà hi ċkejkna ħafna, u fiha jgħammru nies wisq aktar milli suppost tasa'. Dan iħalli effett ta' nervożiżmu fuqna lkoll. Anki jekk ma nintebħux. M'hemmx għalfejn nintebħu b'xi ħaġa biex dik ix-xi ħaġa teżisti. (par. 3)

Il-qerda ta' l-ambjent naturali Malti hi proċess qalil li bih Malta tiċkien aktar, u sikwit tikrieh aktar. Hi l-gaġġa li hi diġà żgħira u issa se tissokta tidjieq u tingħalaq u tagħfas fuqna. Dan ifisser li l-għasfur li hemm ġewwa fiha - il-Malti nnifsu - se jġarrab konsegwenzi koroh ħafna, imqar jekk ma jintebaħx bihom. (par. 4)

Mhix ħtija ta' għasfur imsejken li xortih qalila tidfnu ħaj f'gaġġa. Iżda hi ħtija tal-bniedem li l-ambjent tiegħu jiċkienlu. Aktar ma Malta tingħalaq, akbar se tkun l-għafsa tal-għeluq li jaħkem fuq kulħadd. (par. 5)

Il-qerda ta' l-ambjent hi mhux biss il-mewt tan-natura madwarna, iżda hi wkoll il-mewt tas-sens tal-beraħ li l-bniedem jeħtieġ. F'ilma mdardar u mniġġes il-ħuta timrad u tmut. Il-mewt ta' l-ambjent tmewwet ukoll lill-bniedem. (par. 6)

Il-qagħda ta' ruħna tiddependi minn fejn aħna. Jekk aħna f'kantina, f'sala, f'misraħ, fi sqaq, fil-ftuħ, fl-għeluq, f'post ikrah jew sabiħ, dan kollu jħalli effett kbir ħafna fuqna. Il-burdati tagħna jiddependu bil-bosta minn fejn inkunu. Aktar ma tiċkien Malta, aktar ma jgħib il-wirt naturali, akbar se jkunu l-problemi tagħna l-bnedmin, imħuħ li rridu l-beraħ. Għasafar f'gaġġa li tiċkien dejjem aktar, ħut f'baħar li l-ilma tiegħu qiegħed jitniġġes dejjem iżjed, bnedmin barra minn posthom. (par. 7)



Il-werrieta tal-qerda ta' llum huma t-tfal, u dan mhux sewwa. Malta ta' llum, għada se jkunu jafuha mill-kartolini, waqt li huma jkollhom isiefru biex jaraw wied, għalqa, mogħdija fir-raba', merħla u l-bqija. Dan mhux sewwa. (par. 8)

**Oliver Friggieri - Sagħtar No. 179**

## A. FEHIM IT-TEST (8 marki)

1. Skond l-awtur, għaliex għasfur fil-beraħ u ieħor imsakkar f'gaġġa huma differenti?(par.1)

____________________________________________

____________________________________________ (1)

2. Il-bniedem, f'liema qagħda japprezza l-aktar il-ħelsien tal-beraħ? (par.2)

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

3. Semmi żewġ effetti li qed tħalli fuq Malta l-qerda ta' l-ambjent. (par.4)

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

4. X'inhi l-akbar u l-agħar konsegwenza tal-qerda ta' l-ambjent? (par.6)

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (1)

5. Il-burdati tal-bniedem jiddependu ħafna ______________________________
(mill-ikel / mill-ambjent li nkunu fih / mill-flus). (par. 7) (1)

6. X'inhu l-biża' tal-Professur Friggieri? (par. 8)

______________________________________________________________

______________________________________________________________ (2)

## B. GĦARFIEN IL-LINGWA (22 marka)

### 1. ANALIŻI TESTWALI

a) Il-kittieb juża żewġ kelmiet fl-ewwel paragrafu biex jagħti l-idea ta' għeluq u ta' ċaħda tal-libertà (ħelsien).

Liema huma? ________________ ; ________________. (2)

b) "Fil-beraħ jimirħu ħielsa, u fl-għeluq jitilfu l-kalma" (par. 2). Għal min qed jirreferu dawn iż-żewġ verbi b'sing taħthom? ________________________ . (1)

ċ) Mis-seba' paragrafu, sib il-frażi li juża l-kittieb biex juri li l-ambjent ta' ħajjitna suppost hu xi ħaġa għażiża għalina. ______________________________ . (1)

### 2. LESSIKU / VOKABULARJU

a) Mit-tieni paragrafu sib l-oppost ta':

maqful - ___________ ; beraħ - ___________ . (2)

b) Xi jfissru dawn? mdardar (par. 6) - ______________________________ ;

tmewwet (par. 6) - ______________________________ . (2)

ċ) Sib kelma fis-seba' paragrafu li tfisser : pjazza - ____________________ ;

jisparixxi - _________________ . (2)

### 3. GRAMMATIKA U MORFOLOĠIJA

a) Imla l-vojt ta' l ewwel kolonna skond kif mitlub fit-tieni kolonna: (8 marki)

| ***L-EWWEL KOLONNA*** | ***IT-TIENI KOLONNA*** |
|---|---|
| Min isib ruħu maqful, _________________ **.** | Il-verb fil-Preżent minn disperazzjoni **.** |
| Tingħalaq - ___________________ **.** | L-għerq tal-verb tingħalaq. |
| Nervożiżmu - _________________ **.** | Iz-zokk morfemiku ta' nervożiżmu. |
| Il-mewt tan-natura - __________________ **.** | Aqleb fl-Istat Kostrutt. |
| Il-filosfi nqisuhom bħala ____________ kbar**.** | Il-plural miksur ta' moħħ. |
| Qatt m'għandu jkun hemm _________ ta' ħin. | In-nom verbali tal-verb jitilfu. |
| Għalxejn għedtilhom biex _______________ . | In-negattiv tal-verb isiefru. |
| Sa Mejju f'xi ___________ insibu l-ilma ġieri. | Il-plural sħiħ ta' wied. |

b) Mit-tmien paragrafu sib **2 nomi mimmati** : ______________ ; ______________ . (2)

ċ) Mis-seba' paragrafu sib **2 nomi verbali** : ________________ ; _______________ . (2)

## Ċ. L-ASPETT SIMBOLIKU FL-ISFOND LINGWISTIKU POPOLARI (8 marki)

**1. QWIEL** : Xorti u Fidi / Kastig u Rikompens:

a) Xi jfisser il-qawl: "Min ma jismax minn min hu akbar minnu jarralu". ______________
______________________________________________________________ (2)

b) Il-qawl, x'jgħidilna li ssib fl-aħħar tal-mazzita? ____________________________ . (1)

ċ) Ftehim aħjar tagħmlu bil-miktub, għax kif jgħidu: "_____________ mhux maħrub. (1)

**2. IDJOMI** : Annimali / Partijiet tal-Ġisem:

a) Min hu mkabbar u ma jistma lil ħadd, ngħidu li jara n-nies _____________________
(ħnieżer, nemel, dubbien). (1)

b) Xi ħadd fitt li jħobb jaqbad ma' dak li jkun u jżommu bil-paroli, ixebbhuh ma' ______________________ (brimba, qarnita, ċawla). (1)

ċ) Għal xi ħadd li raqad ngħidu: **marret** _________________________ . (1)
u għal xi ħadd li ġġennen ngħidu: **tilef** ______________________ . (1)
(trid tissemma xi parti tal-ġisem)

## D. ĦILIET FIL-MALTI KOMUNIKATTIV (10 marki)

Qed jingħad li kumpanija tal-bini xtrat l-art fil-wied li hemm f'tarf Ħal Kaprat u se jinbnew xi djar jew blokki ta' appartamenti. Dan se jkerrah l-ambjent naturali tal-post darba għal dejjem.

Immaġina li inti toqgħod f'dan ir-raħal. Ikteb ittra ta' madwar 80 kelma lis-sindku tar-raħal tiegħek biex turih l-opinjoni tiegħek dwar il-ħsara li se ssir fl-ambjent u titolbu jħeġġeġ lin-nies tar-raħal jipprotestaw ma' l-awtoritajiet biex ma jinħareġ l-ebda permess għall-bini f'dan il-post.

L-indirizz tiegħek huwa: 83, Triq Iċ-Ċawsli, Ħal Kaprat, KPR 01, filwaqt li dak tal-Kunsill Lokali huwa :
100, Triq il-Kbira, Ħal Kaprat, KPR 04.



**Ikteb l-ittra fuq karta separata.**

## E. TIFTIX - TRAWWIM KULTURALI - L-IDEA TA' LINGWA (8 marki)

Ikteb madwar 8 linji dwar dak li ktibt fil-proġett li għamilt din is-sena.

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

______________________________________________________________

## F. LETTERATURA (24 marka)

### 1. POEŻIJI - NADRIET 3 (10 marki)

a) Aqra sewwa din il-poeżija li Dun Karm kiteb lil Rużar Briffa u wieġeb il-mistoqsijiet:

### POETA

Ġibuli r-rand, ir-rand li jħaddar dejjem,
ħa nqiegħed żewġ rimjiet bl-ilma xebgħana

Imwiegħra l-għolja, naf, tal-Poeżija,
iżd'inti tiela', u Alla dejjem magħna;

dwar ir-ras taż-żagħżugħ poeta tagħna.

Kif l-ilma ġieri minn ġol-blat ifawwar
ħafif u bnin, hekk ħelu jġelben l-għana
minn sider iż-żagħżugħ poeta tagħna:

Sebaħ jittajjar għasfur qalbieni
u mill-għoli tas-sħab leħnu semmagħna
- leħnu safi - iż-żagħżugħ poeta tagħna.

għaddi 'l quddiem, żagħżugħ poeta tagħna.

Ħobb is-sewwa u tibżax: kelmtek sabiħa
ġejja mis-sema u lejn Alla terfagħna:
ilbes ir-rand, żagħżugħ poeta tagħna.

**Mistoqsijiet:**

i) Għaliex il-poeta jrid jinkuruna ras il-poeta Rużar Briffa bir-rand?

______________________________________________

______________________________________________ . (1)

ii) Ma' xiex ixebbah l-għana ta' Rużar Briffa fit-tieni u t-tielet strofa?

______________________________________________

______________________________________________ . (1)

iii) Dun Karm jgħid lil Briffa: “Imwiegħra l-għolja tal-poeżija". X'taħseb li ried ifisser.

______________________________________________

______________________________________________ (1)

iv) X'parir jagħti Dun Karm lil Briffa fl-aħħar strofa?

______________________________________________

______________________________________________ . (1)

v) Kif jirrimaw il-versi f'kull strofa?

______________________________________________ . (1)

vi) Ikteb il-vers mit-tieni strofa li taħseb li l-aktar li jrid isemmgħalna ħoss.

______________________________________________ . (1)

(b) Ikteb il-ħsieb ta' **waħda** minn dawn il-poeżiji u għid għaliex għoġbitek aktar mill-oħrajn: **Pitirross** ta' Victor Fenech; **Waħdi** ta' Rużar Briffa; **Il-Bejjiegħ tal-Gazzetti** ta' Ġorġ Borg (4 marki)

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

______________________________________________

**2. PROŻA -** (a) **Stejjer Għal Qabel Jidlam ta' Oliver Friggieri** (4 marki)

Ikteb dwar **karattru** li laqtek l-aktar f'**waħda** minn dawn l-istejjer: **Meta Dħalt fl-Isqaq**
JEW **Il-Koranta.**

b) **Stejjer taċ-Ċarrut - (Aġenzija Sedqa)** (6 marki)

Ikteb x'tgħallimt minn **waħda** minn dawn il-kitbiet fi **Stejjer taċ-Ċarrut - Zona 2 :** ***Ħallewh b'xejn; L-Iskuter; Il-Bulijiet***

3. **Drama - Il-Fortuna tal-Bakkaljaw ta' Ġużè` Aquilina** (4 marki)

X'taħseb li ried jgħallimna Aquilina bid-dramm: **Il-Fortuna tal-Bakkaljaw.**

## Ġ. KOMPONIMENT (20 marka)

**Fuq karta separata ikteb madwar 250 kelma dwar WIEĦED minn dawn:**

a) L-Isport favorit tiegħi.

b) Ma' min rajtek xebbahtek.

ċ) L-aħħar ħolma kerha / sabiħa li ħlomt.

d) X'nixtieq nagħmel fil-vaganzi tas-sajf.

e) Min hu tabilħaqq ħabib veru.